**15 ta' Frar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Ivy Angus

*versus*

Joseph Calleja ne.

**Serviġi — Gratuwità — Preskrizzjoni — Ġurament — Interruzzjoni — Rikonoxximent tad-Dejn — Art. 2261(f), 2265, 2238 u 2241 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Azzjoni għall-ħlas ta' kumpens għal serviġi reżi, skond il-kunsens unanimi tal-ġurisprudenza nostrali; hija bażata ġuridikament fuq il-kważi-kuntratt, u unanimement fuq il-preżunzjoni li min jassoġġetta ruħu biex jagħmel serviġi lil ħadd ieħor jagħti dak l-istess xogħol bl-iskop li jitħallas, ammenokkè ma jkunx għamlu bi skop umanitarju biss, bla ebda ħsieb li jkun kompensat, jew li jagħti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tiegħu "familiaritatis sew pietatis causa"; f'liema l-aħħar 'potest, min jirreklama s-serviġi jrid ibiegħed minnu dik l-istess preżunzjoni, li jkollha aktar saħħa, sabiex ikollu suċċess fl-azzjoni li huwa jintenta.*

*Ċertament, l-intenzjoni tas-serventi li jitħallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha, huma ta' importanza f'każi bħal dawn; kif ukoll mhux ta' min jittraskura l-istat finanzjarju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-għaliex, tant mill-punto di vista tal-intenzjoni tar-retribwibbiltà, kemm mill-punto di vista tal-miżura tal-kumpens, dawn il-punti għandhom importanza. Hekk, per eżempju, fil-każ li persuna abbjenti li tmur minn*

*jeddha ddur b'persuna li taj lį h'ja fqira, il-preżunzjoni li dawk is-serviġi saru bil-fehma ta' ħlas ma treġix; u mill-banda l-oħra lanqas tista' tiġi ndotta l-fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta li tkun f'dak l-istat finanzjarju. Jingħad ukoll li, jekk persuna li tiġi servuta tkun ta' fakoltajiet ekonomiċi ristretti, imma mhux tali li tkun indiġenti, huwa preżunt li tisserva b'persuna li tkun kuntenta b'retribuzzjoni moderata, u mhux ġa tali li tirrendiha ndiġenti.*

*Il-preskrizzjoni ta' din l-azzjoni hija dik ta' ħames snin. Bħala brevi, din il-preskrizzjoni hija mhux biss preżuntiva tal-pagament, imma anki ta' ineżistenza ta' obligazzjoni; u l-ġurament li j'ġi deferit lil min jeċċepiha mhux intiż biex jikkompleta l-preskrizzjoni, imma huwa biss mezz biex jirrespinġiha; meta, mbgħad, min iġib il-quddiem il-preskrizzjoni ma jkunx f'l-grad li jippresta l-ġurament, bħal meta jkun kuratur, jiġi jonqos lill-attur il-mezz biex jiddistruġġi l-preskrizzjoni. imma l-preżunzjoni tibqa' ħajja u l-preskrizzjoni jkollha l-effetti tagħha. L-attur però jista' j'ddistruġġi l-preskrizzjoni billi jipprova l-interruzzjoni tagħha, jew ir-rikonoxximent tad-dejn da parti tad-debitur.*

*Il-preskrizzjoni tibqa' ta' ħames snin anki jekk fl-istess serviġi jkun hemm kontinwazzjoni tagħhom.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-attriċi matul l-aħħar sitt snin irrendiet lill-mejta Vera Castles serviġi; talbet li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attriċi dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo per opera ta' periti nominandi, bħala kumpens tas-serviġi fuq imsemmija, prestati lill-mejta Vera Castles. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-atti jiet tal-kawża jidher li l-attriċi qegħedha titlob kumpens għal serviġi li hija għamlet matul l-aħħar sitt snin lid-decujus Vera Castles, li skond id-dok. "X", eżibit fil-kawża, ġiet nieqsa għall-ħajjin fil-5 ta' Lulju 1957;

Illi azzjoni simili, skond il-kunsens unanimi tal-ġurisprudenza nostrali, hija bażata ġuridikament fuq il-kważi-kuntratt, u unanimement fuq il-preżunzjoni li min jassoġġetta ruħu biex jagħmel servizz lil ħadd ieħor jagħti dak l-istess xogħol bl-iskop li jitħallas, ammenokkè ma jkunx għamlu bi skop umanitarju biss, bla ebda ħsieb li jkun kompensat għalieh, jew li jagħti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tiegħu "familiaritatis sew pietatis causa"; f'liema l-aħħar ipotesi, min jirreklama s-serviġi jrid ibiegħed minnu dik l-istess preżunzjoni, li jkollha aktar saħħa, sabiex ikollu suċċess fl-azzjoni li huwa jintenta;

Ċertament, l-intenzjoni tas-serventi li jitħallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha, huma ta' importanza f'kawżi bħal dawn; kif ukoll mhux ta' min jittraskura anki l-istat finanzjarju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-għaliex tant mill-punto di vista tal-intenzjoni tar-retribwibbilità, kemm mill-punt di vista tal-miżura tal-kumpens, dawn il-punti, fil-ħsieb tal-Qorti, għandhom importanza. Hekk, per eżempju, fil-każ ta' persuna abbjenti li tmur minn jeddha ddur b'persuna li taf li hija fqira, il-preżunzjoni li dawk is-serviġi saru bil-fehma ta' ħlas ma treġġix; u mill-banda l-oħra lanqas tista' tiġi ndotta l-fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta, li tkun f'dak l-istat finanzjarju. Jingħad ukoll li, jekk persuna li tiġi servuta tkun ta' fakultajiet ekonomiċi ristretti, imma mhux tali li tkun indiġenti, huwa preżunt li tisserva b'persuna li tkun kuntenta b'retribuzzjoni moderata, u mhux ġa tali li tirrendiha ndiġenti;

**Ikkunsidrat;**

Illi, premess dan li ntqal, jingħad li mill-provi jirriżulta li l-attriċi rrendiet fl-aħħar sitt snin tal-ħajja tad-decujus Vera Castles serviġi ta' diversa natura u ntensità. Infatti, dawn l-istess serviġi jistgħu hekk jiġu enumerati:

***Omissis;***

Ikkunsidrat;

Illi mid-depożizzjoni tal-attriċi, li ma jidherx li hija persuna fakoltuża, jirriżulta li hija kienet tirrendi dawn is-serviġi bil -fehma li tkun retribwita; u l-istess decujus, dejjem skond l-attriċi mhux meruta, kienet twiegħedha xi kumpens għal wara mewtha. Li d-decujus kellha l-fehma li tikkumpensa lill-attriċi huwa konfermat mill-Avukat Dr. Gaudenzio Borg, li kien issuġġerixxa lid-decujus tagħmel legat lill-attriċi — dak li hija qalet li riedet tagħmel, imma li fil-fatt ma laħqetx għamlet. Jirriżulta wkoll li hija wegħedet lill-attriċi żewġ brazzuletti tad-deheb; imma milli jidher ma tagħthomlhiex, għalkemm fid-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine dan jammetti din il-promessa, billi qal li l-attriċi aċċettatha a saldu;

Illi kwindi, fil-każ in diżamina, l-attriċi ħaqqha kumpens għas-serviġi;

Ikkunsidrat;

Illi qabel ma dil-Qorti tgħaddi għalbiex tiddetermina l-miżura tal-kumpens, huwa dmirha tiddirimi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali opposta mill-konvenut nomine;

Illi ma hemmx kwistjoni li l-preskrizzjoni applikabbli għal każ bħal l-odjern hija dik ta' ħames snin, skond it-termini tal-art. 2261 ittra (f) Kap. 23; u dan anki jekk fl-istess serviġi jkun hemm kontinwazzjoni tagħhom (ara Appell Vol. XXIV-I-1; P.A. Ċivili Vol. XIII. 431; Vol. XVIII-I-42; Vol. XXIII-II-42; Vol. XXV-I-261; Vol. XXIV-I-7; Vol. XXIII-I-285; P.A. Ċivili 5 ta' Ottubru 1955, in re "Joseph Barbara vs. W/R Prof. Don Carmelo Sant nomine et.", konfermata mill-Qorti tal-Appell (għal issa inedita). Din il-preskrizzjoni brevi mhux biss hija preżuntiva tal-pagament, imma anki ta' ineżistenza ta' obligazzjoni, skond il-formula apposta skond l-art. 2265 tal-Kodiċi Ċivili, kif ġie deċiż minn Sir Adrian Dingli fis-27 ta' Marzu 1888 in re "Pace Bonello vs. Bugeja Caruana et.", Vol. X, p. 773 u ta' wara. Jingħad ukoll li l-ġurament li jiġi deferit lil min jagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk jagħżel li jiddeferieh lill-eċċipjenti l-attur fil-kawża, ma huwiex intiż biex jikkompleta l-preskrizzjoni, imma huwa

biss mezz biex jirrespinġiha (ara P.A. Ċivili 8 ta' Jannar 1920, Vol XXIV-II-97). Meta, mbgħad, il-persuna jew persuni li jġibu l-quddiem il-preskrizzjoni brevi ma humiex in grado li jipprestaw il-ġurament (kuraturi, etċ.), jiġi jonqos lill-attur jew attriċi l-mezz biex jiddistruġġuha, imma l-preżunzjoni tal-ħlas tibqa' ħajja, u l-preskrizzjoni għandha jkollha l-effett tagħha (Appell 22 ta' Frar 1892 "Calleja vs. Mangion ne.", Vol. XIII, p. 112; P.A. Ċivili 25 ta' Novembru 1931 "Saċ. Grixti vs. Dr. Galea ne.", Vol. XXVIII-II-172; P.A. Ċivili 10 ta' Ottubru 1935 "Arciprete Don Pacifico Mifsud vs. Dr. Giuseppe Mifsud Speranza"; u sentenzi oħra). L-attriċi però, fil-kawża odjerna tista' tipprova l-interruzzjoni, jew tipprova r-rikonoxximent taddejn mid-decujus, skond ma hemm maħsub fl-art. 2238 tal-Kodiċi Ċivili, bl-effetti voluti fl-art. 2241 tal-istess Kodiċi;

Illi fil-ħsieb tal-Qorti l-attriċi, korroborata mix-xhud Dr. Borg, ippruvat soddisfaċentement li d-decujus irrikonoxxiet id-dejn tagħha kollu versu lejha;

Illi kwindi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkennali, avanzata mill-konvenut, ma tistgħax tiġi milqugħa bil-favur;

**Ikkunsidrat;**

Illi, stabbilit dak li ġie premess, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tiddetermina l-"quantum" dovut lill-attriċi għall-kumpens li ħaqqha għall-kawżali addotta u pruvata minnha. Jingħad, però, li din il-Qorti, ben konxja u edotta mill-esperjenza ta' kuljum fuq il-materja in diskussjoni, sejra tiffissa l-ammont skond l-intensità, gravezza, u natura tas-serviġi, sfaldat mill-eżaġerazzjonijiet li għalihom għandhom inklinazzjoni l-bnedmin fl-estimu tax-xogħol tagħhom, il-lum aktar minn dari;

Illi, wara li ħasbet bir-reqqa u ħadet in konsiderazzjoni kollox li kien meħtieġ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kumpens għandu hekk ikun determinat:—

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, prevju l-akkoljiment tal-perizja fejn taqbel ma' din id-deċiżjoni u r-ripudja tagħha fejn ma taqbelx, billi l-ewwelnett tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali opposta mill-konvenut nomine; u t-tieni nett tiddikjara li l-instanti rrendiet serviġi lid-decujus Vera Castles li huma retribwibbli; u fl-aħħarnett, wara li ti'likwida l-kumpens għal dawn is-serviġi għas-somma ta' £93, tikkundanna lill-konvenut nomine jħallas is-somma fuq likwidata; bl-ispejjeż kollha għall-konvenut nomine.